**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 t' Ottubru, 2019**

**SENTENZA DWAR IL-KOMPETENZA**

**Talba Numru: 79/2019 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 27**

**Agritrans Logistics Limited (C45380)**

**10, Nicolo Baldacchino Street,**

**Siggiewi**

**Vs**

**Argus Insurance Agency et**

**La Concorde,**

**Triq Abate Rigord,**

**Ta' Xbiex**

It-Tribunal,

Din hija sentenza dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal rigward it-talbiet odjerni stante li skont il-konvenuti it-talbiet huma regolati fir-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta bhala tilwima li ghandha tigi rizolta permezz ta' Arbitragg Mandatarju.

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici li permezz tieghu qed jippremetti li Renald Debono impjegat u sewwieq mas-socjeta' attrici kien involut f'incident tat-traffiku waqt il-hin tax-xoghol fit-30 ta' Mejju, 2014 fi Triq Mdina, Zebbug waqt li kien qed isuq il-vettura AGR-531; li huwa baqa' diehel fil-vettura bin-numru JBM 678 u kkawza danni fil-vettura AGR-531 proprjeta' tas-socjeta' attrici; li l-konvenuti intavolaw proceduri quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg permezz tal-kaz numru M4552/2015 kontra Renald Debono fejn talbu li Renald Debono jinsab responsabbli ghall-incident tat-traffiku u jigi kkundannat ihallas is-somma ta'elf disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€1,928.10c) u fis-sentenza tal-21 ta' Dicembru, 2017 gie deciz li l-incident sehh unikament tort tas-sewqan negligenti ta' Anthony Schembri li ghalkemm gie interpellat ihallas id-danni huwa baqa' inadempjenti.

Ra l-eccezzjoni tal-konvenuti li permezz taghha eccepew li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jiddeciedi fuq il-materja odjerna liema materja hija regolata fir-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta bhala tilwima li ghandha tigi rizolta permezz ta' Arbitragg Mandatarju

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet

Ikkunsidra,

Ir-Raba' Skeda tal-istess Kap 387 tipprovdi kif gej:

"It-tilwimiet hawn izjed 'l isfel imsemmija fit-taqsima A ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg taht ir-regolamenti msemmija fit-Taqsima B b'zieda ma' dawk ir-regoli li jistghu jigu mahruga mic-Centru minn zmien ghal zmien".

U taqsima A ssemmi fost ohrajn 1.2. Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vettura bil-Mutur tghid hekk:

"Kull tilwima civili jew kummercjali li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna li tkun tilwima li torigina minn:

(a) Kollizjoni bejn vetturi jew
(b) Hsara volontarja fil-proprjeta' li tinvolvi l-vetturi; jew….

Illi skont is-sentenza moghtija mic-Centru tal-Arbitragg, sab li Anthony Schembri kien responsabbli ghal dan l-incident; is-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' spejjez li rrikorriet in konsegwenza tal-agir tal-istess Anthony Schembri.

Ir-Raba' Skeda tal-Kap 387 dwar l-Arbitragg Mandatarju hija ligi ta' ordni pubbliku u l-vertenza ta' dan il-kaz cioe' danni sofferti per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku taqa' taht l-istess ligi. Ladarba t-talba tas-socjeta' attrici hija talba ghal danni li torigina minn hsara nvolontarju fil-proprjeta' li tinvolvi l-vetturi dan it-Tribunal ma ghandux ghazla ohra ghajr li jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti stante li t-talba taghhom taqa' taht r-Raba' Skeda Taqsima A tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**